# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 52 – L-ERBGĦA 13 TA' LULJU 2016

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| Assenti : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 50 U 51

1.1 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 50 mingħajr emendi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.2 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 51 mingħajr emendi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 50 U 51

2.1 Is-SE infurmat li l-grada għall-entratura tax-xelter kienet ġiet ordnata għand il-kuntrattur Elles Urban Services flimkien mal-kisi tal-entratura nnifisha bil-konkos. Dan għandu jsir fi ftit ġranet oħra.

2.2 Is-SE infurmat li kienet fakkret lill-Perit dwar l-istima tal-ħajt ta' Binja Qlejgħa u kienet ukoll tkellmet mal-amministratur ta' waħda mill-binjiet f'Binja Qlejgħa fejn din kienet talbet li ssir laqgħa ma' rappreżentanza tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-istima qabel jiltaqa' magħha.

2.3 Is-SE infurmat li kif kienet infurmathom permezz tal-*email*, kien sar xogħol ta' tindif u tisbiħ estensiv viċin l-Iskola Primarja. Barra minn dan, il-PARKS, grazzi għall-kumpanija KPMG, kienet ħawlet 10 siġriet (4 għargħar, 2 prinjol u 4 rummien). Kienet inxtrat u ntefgħet ukoll xi ħamrija għall-prezz ta' €306 (VAT inkluża). Il-kuntrattur tas-*soft areas* kien għamel tajjeb għal €100 mill-ispiża totali ta' €406. Hija infurmat li idealment għandu jitwaddab trakk ieħor ħamrija fejn sar it-taħwil minħabba li uħud mis-siġar m'għandhomx ħamrija biżżejjed. Il-Kunsill approva li jitwaddab vjeġġ ieħor ħamrija.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku qal li ż-żjara fil-Latvja u l-Litwanja b'konnessjoni mal-proġett tal-LUNF kienet interessanti ħafna. Huwa qal ukoll li kien sodisfatt ħafna bl-għażla tad-delegazzjoni tal-Imtarfa għaliex kienet ta' eżempju għal Kunsilli oħrajn, il-membri kollha attendew l-attivitajiet skont l-iskeda impenjattiva li kellhom u pparteċipaw attivament fil-*workshops* u t-taħdidiet kif kien mistenni minnhom. Huwa informa li fil-preżent qed isiru l-preparazzjonijiet għaż-żjara tal-kontinġent barrani f'Malta.

3.2 Is-Sindku qal li ż-żjara fl-Imtarfa fir-rigward tal-proġett tal-LUNF se tkun fuq ġurnata sħiħa, fejn fost oħrajn se ssir tislima lill-memorja tas-suldati Ingliżi fiċ-ċimiterju tal-Imtarfa, tittella' d-delegazzjoni sħiħa b'konvoj lejn l-Imtarfa u jsir il-ftuħ tal-attività b'numru ta' *re-enactments* matul il-ġurnata sħiħa. Se jitħawlu wkoll 4 siġriet, waħda għal kull pajjiż involut fil-proġett (Malta, Italja, Latvja u Litwanja), nagħmlulhom *tour* madwar l-Imtarfa u ikla għad-delegazzjoni kollha. Partijiet minn dawn l-ispejjeż kienu se jkunu koperti direttament mill-fondi tal-proġett. Is-Sindku saħaq mal-Kunsilliera biex jattendu l-attività ta' Military Mtarfa matul il-ġurnata kollha.

3.3 Is-Sindku informa li din il-ġimgħa reġa' ġie l-*engineer* u ltaqa' mal-*electrician* tal-Kunsill fir-rigward tal-problema tad-dawl fil-passaġġ ta' Binja Msieraħ. Huwa qal li suppost din il-ġimgħa għandu jsir ix-xogħol min-naħa tal-*electrician* tal-Kunsill u mbagħad kemm nistennew li l-Enemalta tikkonnettja s-servizz.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-listi tal-pagamenti, kopja tagħhom mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

4.2 Is-SE infurmat li kien hemm bżonn ta' *air-conditioner* għall-kamra fejn jinżammu s-sessjonijiet tal-kompjuter u xi korsijiet oħrajn minħabba li fis-sajf kienet impossibbli toqgħod fiha minħabba s-sħana. Għat-talba tagħha li jinxtara *air-conditioner* sa taħt il-massimu ta' *direct order* ġiet milqugħa.

## 5. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TA' KULL KWART (APRIL – ĠUNJU 2016)

5.1 L-*Accountant* kienet għaddiet kopja tar-rapport ta' kull kwart għall-perjodu li jispiċċa Ġunju 2016. Is-SE infurmat li l-Kunsill kien għalaq l-ewwel sitt xhur tas-sena b'indikatur finanzjarju ta' 29.48%. Dan ifisser li l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill baqgħat titjieb.

5.2 Ir-rapport ta' kull kwart sax-xahar ta' Ġunju ġie approvat.

## 6. TNEĦĦIJA TA' SKIPS ĦODOR MIL-LOKALITÀ

6.1 Is-SE infurmat li kif kien miftiehem, l-iskips il-ħodor tneħħew kollha nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju. Għalkemm kien hemm numru konsiderevoli ta' residenti li ma qablux ma' din il-miżura, fl-opinjoni tal-amministrazzjoni, li ovvjament kienet qed tisma' l-ilmenti tar-residenti, il-maġġorparti tar-residenti qed ipoġġu l-iskart wara biebhom kif mitlub. L-ikbar uġigħ ta' ras għar-residenti dehret li kienet it-tibdil fil-ħin minn filgħodu għal filgħaxija għaliex hemm numru minnhom li ma jkunux għadhom waslu lura d-dar u hemm oħrajn, bħall-uffiċini u l-iskejjel, li issa għandhom diffikultà bil-ħin għax filgħaxijiet ma jkun hemm ħadd biex joħroġ l-iskart. Dan kollu ovvjament qed iwassal biex uħud qed jispiċċaw iwaddbu l-borża barra minn filgħodu kmieni.

Dan kollu kkonfermawh ukoll ħafna mill-Kunsilliera għaliex kellhom l-opportunità li jitkellmu mar-residenti f'dawn l-aħħar tliet ġimgħat.

6.2 Il-laqgħa ġiet interrotta temporanjament għal ftit minuti biex nitkellmu mal-kuntrattur. Kien hemm qbil unanimu li s-servizz jitraġġa lura għal filghodu bejn is-7:00am u s-7:30am.

6.3 Is-SE infurmat li kif mitlub mill-Kunsill, kien ingħata servizz ta' gwardjan lokali għal ġimgħatejn sħaħ għal siegħa filgħodu u oħra flgħaxija. Hija infurmat li dan kien irrapporta fl-uffiċċju tal-Kunsill kull filgħodu dwar x'sab fl-aħħar 24 siegħa. Hija infurmat li kien ta warning lil numru ta' residenti (u mhux) li nqabdu jwaddbu l-iskart barra l-ħin allokat.

6.4 Fuq suġġeriment tal-kuntrattur tal-iskart, kien hemm qbil li tiġi ordnata tabella oħra ta' *drop off point*, viċin tal-Kamra tal-Periti minħabba li numru ta' residenti mill-*barracks* u minn Binja Buqana baqgħu jitfgħu hemm. Fuq din it-tabella se jitniżżel li hija d-*drop off point* għar-residenti ta' Triq il-Ġiżimin u tar-residenti ta' Binja Buqana.

6.5 Il-kuntrattur informa lill-Kunsill li l-ikbar problema li kellu minn mindu bdiet is-sistema l-ġdida kienet fi Triq l-Imtarfa, minn fejn jinġabru l-boroż ta' Binja Msieraħ minħabba li kienet fuq it-triq prinċipali u għaldaqstant aktar fil-għajn. Is-Sindku informa li din it-tabella kienet tmexxiet hemm wara konsultazzjoni li saret mar-residenti u l-kumitat tal-binja.

## 7. REMEMBRANCE PROJECT / MILITARY MTARFA

7.1 Is-SE infurmat li min-naħa tad-DLG kienu infurmaw li l-għajnuna li kienu se jagħtu għall-attività ta' Military Mtarfa 2016 kien ta' €3000 li kienet maqsuma f'€2650 fuq *re-enactment* u €350 f'*guided tours* u *transportation.*

7.2 Is-SE infurmat li l-grupp tar-*re-enactment* Battlefront LHG kienu talbu li l-Kunsill jidħol f'*agreement* sabiex kemm-il darba l-attività ma ssirx, huma jingħataw 50% tal-ħlas tal-ispejjeż li diġà involvew ruħhom fihom flimkien ma' spejjeż oħra li jinvolvu *re-enactors* minn barra minn Malta. Hija infurmat li għalkemm huma kienu ħadu l-interess li jiġbdu anke *re-enactors* barranin għal din l-attività, il-Kunsill ma kienx ġie involut fl-ebda spejjeż u kulma kienu talbu kien li jsir arranġament biex jiġu ospitati fi kmamar vojta fl-Iskola. Il-Kunsill qabel li fid-dawl ta' dan kollu, m'hemmx oġġezzjoni li l-gruppi tar-*re-enactment* jieħdu 50% tal-ħlas tal-istima kemm-il darba għal xi raġuni l-attività jkollha titħassar fid-dawl tal-impenn kbir tagħhom matul is-sena kollha u b'mod speċjali fis-sajf meta se jibdew anke r-*rehearsals* għall-attività nnifisha.

7.3 Kien hemm qbil li l-ikla tad-delegazzjoni tal-proġett LUNF ikollha *catering* apposta għaliha biex nassiguraw li jiekol kulħadd u li l-ikel ikun verament ġenwin. Kien hemm qbil li possibbilment se nġibu kwotazzjonijiet għal din l-ikla u mhux se tkun tifforma parti mill-kwotazzjoni pubblika għall-istalls tal-ikel u xorb tal-attività Military Mtarfa. Is-SE infurmat li din l-ikla kellha titħallas min-naħa tal-Kunsill Lokali tal-Isla f'isem il-proġett tal-LUNF u mhux mill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa. Hija infurmat ukoll li possibbilment il-Kunsill seta' jkollu għajnuna ulterjuri mill-finanzjarjament tal-proġett LUNF.

**8.** **PUNTI OĦRA**

8.1 Is-SE infurmat li kienu nqatgħu numru ta' yuccas u siġar tal-ficus madwar il-lokalità sabiex jagħmlu spazju għal siġar indiġeni kif ukoll għaliex kienu qed jagħmlu ħsara. Fadal però l-biċċa ta' taħt (iz-zokk bl-għeruq) li mhux possibbli li titneħħa mill-ħaddiema. Inġabet kwotazzjoni għal €30 (VAT mhux inluża) għal kull siġra. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel prova bl-għeruq ta' tliet siġriet li kienu jinsabu fil-passaġġ tal-Ġnien tas-Sinjura u li allegatament kienu qed jagħmlu ħsara fil-bjar tar-residenti tal-viċin.

**9.** **AĠĠORNAMENT**

11.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9:30pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-11 ta' Awwissu 2016 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |